



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

13987/24

ENER 473
COMPET 980
CLIMA 331

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Il-kontribut tas-settur tal-enerġija għall-kompetittività tal-Unjoni Ewropea – segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' Draghi - Skambju ta' fehmiet

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness in-nota ta' informazzjoni tal-Presidenza dwar il-kontribut tas-settur tal-enerġija għall-kompetittività tal-Unjoni Ewropea – segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' Draghi bil-ħsieb tal-Kunsill TTE (Enerġija) tal-15 ta' Ottubru 2024.

Il-kontribut tas-settur tal-enerġija għall-kompetittività tal-Unjoni Ewropea: segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' Draghi

Fis-17 u t-18 ta' April 2024, il-Kunsill Ewropew¹ appella għal Patt ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea u biex titmexxa 'l quddiem b'mod deċiżiv u rapidu l-ħidma biex naslu għal Unjoni tal-Enerġija ġenwina, billi tiġi żgurata l-provvista ta' enerġija abbundanti, affordabbli u nadifa, li sservi l-oġġettiv doppju li jiġu segwiti s-sovranià tal-enerġija Ewropea u n-newtralità klimatika. Dan ser jirrikjedi governanza robusta tal-Unjoni tal-Enerġija, elettrifikazzjoni ambizzjuża bl-użu tas-soluzzjonijiet kollha żero netti u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, flessibbiltà u użu sostanzjali u investiment fil-grilji, diġitalizzazzjoni, ħżin u interkonnessjonijiet. F'Lulju 2024, il-President tal-Kummissjoni Ewropea ħabbret Patt ġdid għal Industrija Nadifa għal industriji kompetittivi u impjiegi ta' kwalità, li għandu jiġi żvelat fl-ewwel 100 jum tal-mandat.

Il-prijorità għall-Preidenza Ungeriża tal-Kunsill hija li tiffaċilita l-adozzjoni ta' tali Patt ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea biex jitnieda mill-ġdid it-tkabbir ekonomiku u jinħolqu l-kundizzjonijiet għal tkabbir sostenibbli, jiġi approfondit is-suq intern, jingħata appoġġ prijoritarju lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jiġu promossi t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali fi sħubija mal-operaturi ekonomiċi u ċ-ċittadini Ewropej, titrawwem il-kooperazzjoni internazzjonali, u jiġu żgurati l-istabbiltà u s-sostenibbiltà tal-impjiegi.

L-enerġija affordabbli hija kruċjali għall-kompetittività tal-industrija tal-UE. L-isforzi biex jiġi żgurat aċċess sigur u adegwat għal enerġija nadifa bi prezzijiet kompetittivi globalment fis-suq intern ser ikunu vitali biex jiġu ppożizzjonati aħjar l-aspetti pożittivi industrijali tal-UE matul it-tranżizzjoni.

¹ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/04/18/european-council-conclusions-17-and-18-april-2024/>

L-objettivi ambizzjużi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija jistgħu jintlaḥqu biss jekk jimxu id fid mal-kompetittività u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-UE matul it-tranżizzjoni ekoloġika u ġusta.

Fir-rapport tiegħu dwar **Il-Futur tal-Kompetittività Ewropea**², Mario Draghi jagħti ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-isfidi ewlenin għall-kompetittività tal-Ewropa u jiddeskrivi sensiela ta' azzjonijiet biex l-ekonomija tagħna tingħata haġja ġdida. Ir-rapport jenfasizza l-**ħtieġa għal investimenti massivi**, ta' mill-inqas EUR 750 sa 800 biljun fis-sena, u kien favur bidla radikali, li ser ikollha tkun urġenti u konkreta. Huwa jirrimarka wkoll li, fl-isfond tat-tnaqqis fil-popolazzjoni u fil-forza tax-xogħol tagħha, l-Ewropa trid tiffoka aktar fuq iż-żieda fil-produttività tagħha sabiex tikseb tkabbir.

Ir-rapport jipproponi pjan konġunt għad-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, li għandu jallinja l-politiki kollha mal-objettivi tal-UE. L-oqsma ta' prijorità li għandhom jiġu indirizzati jinkludu, l-ewwel nett, it-tnaqqis tal-kostijiet tal-enerġija għall-utenti finali permezz tat-trasferiment tal-benefiċċji tad-dekarbonizzazzjoni u l-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija b'mod kosteffiċjenti, filwaqt li jiġu sfruttati s-soluzzjonijiet disponibbli kollha. It-tieni, l-isfruttament tal-opportunitajiet industrijali ppreżentati mit-tranżizzjoni ekoloġika, li jvarjaw minn li nibqgħu fuq quddiem nett fl-innovazzjoni tat-teknoloġija nadifa għall-użu ta' teknoloġija nadifa fuq skala kbira fil-manifattura kif ukoll l-isfruttament tal-opportunitajiet miċ-ċirkolarità. It-tielet, il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi f'setturi aktar esposti għal kompetizzjoni inġusta minn barra l-pajjiż jew li qed jiffaċċjaw miri ta' dekarbonizzazzjoni aktar eżiġenti mill-kompetituri internazzjonali tagħhom.

Ir-rapport ta' Draghi jolqot ħafna oqsma ta' politika. Fit-Taqsima ddedikata għas-**settur tal-enerġija**, Draghi jenfasizza r-rwol ċentrali tas-settur fit-tiswir tal-kompetittività, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-Ewropa. Diversi rakkomandazzjonijiet jindirizzaw l-isfidi urġenti tal-enerġija li qed tiffaċċa l-UE, filwaqt li jpoġġuha fuq quddiem fit-tranżizzjoni globali lejn enerġija nadifa.

² [EU competitiveness: Looking ahead - Il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/economy_finance/eu-competitiveness-2020-2025-2030-2035-2040-2045-2050)

Ir-rapport jagħmel każ konvinċenti għal riformi fis-suq tal-enerġija tal-Ewropa. Fil-qalba tiegħu, ir-rapport jorbot is-saħħa ekonomika fit-tul tal-Ewropa mal-kapaċità tagħha li tnaqqas il-prezzijiet tal-enerġija u trawwem sistema tal-enerġija sostenibbli u dekarbonizzata. **L-Ewropa trid tnaqqas il-prezzijiet għoljin tal-enerġija filwaqt li tkompli tiddekarbonizza l-ekonomija.** Ix-xenarju tal-enerġija nbidel b'mod irriversibbli bl-invażjoni Russa tal-Ukrajna u t-telf tal-gass naturali mill-pipelines li rriżulta minn din l-invażjoni. Filwaqt li l-prezzijiet tal-enerġija naqsu b'mod konsiderevoli mill-ogħla livelli tagħhom, il-kumpaniji tal-UE għadhom jiffaċċjaw prezzijiet tal-elettriku li huma darbtejn sa tliet darbiet aktar minn dawk fl-Istati Uniti u l-prezzijiet imħallsa tal-gass naturali huma erba' sa ħames darbiet ogħla. Id-dekarbonizzazzjoni tista' tkun opportunità għall-Ewropa, kemm biex tkun minn ta' quddiem f'teknoloġiji nodfa ġodda u soluzzjonijiet ta' ċirkolarità, kif ukoll biex il-ġenerazzjoni tal-enerġija tinbidel lejn sorsi ta' enerġija nadifa siguri u bi prezz baxx. Madankollu, jekk l-Ewropa tistax taħtaf din l-opportunità ser jiddependi fuq politiki li jkunu kollha konformi mal-oġettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-UE. It-tranżizzjoni tal-enerġija ser tkun gradwali u l-fjuwils fossili ser ikompli jkollhom rwol ċentrali fl-ipprezzar tal-enerġija għall-bqija ta' dan id-deċennju, u dan jhedded il-volatilità kontinwa tal-prezzijiet għall-utenti finali. L-industriji tal-UE li jużaw l-enerġija b'mod intensiv jiffaċċaw kostijiet ta' investiment ogħla mill-kompetituri tagħhom biex jilhqqu l-miri tad-dekarbonizzazzjoni.

Draghi jenfasizza wkoll ir-riskji ġeopolitiċi assoċjati mad-**dipendenza tal-Ewropa fuq il-fjuwils fossili importati u l-minerali mhux maħduma kritiċi.** Dawn ir-riskji jestendu lil hinn mill-enerġija, u jolqtu l-politiki industrijali u kummerċjali tal-UE, u b'hekk jeħtieġu soluzzjonijiet komprensivi li jmorru lil hinn mis-swieq tal-enerġija biss.

Ir-rapport ta' Draghi jirrakkomanda riformi fis-settur tal-enerġija li jagħmlu possibbli effiċjenzi akbar tas-suq, inaqqasu l-volatilità tal-prezzijiet, u jrawmu l-investiment fl-enerġija rinnovabbli. Dawk ir-riformi jsaħħu l-għanijiet ekonomiċi usa', u jippożizzjonaw id-dekarbonizzazzjoni bħala vantaġġ kompetittiv għall-Ewropa, dment li jkunu saru l-investimenti u l-bidliet regolatorji meħtieġa.

Il-Presidenza Ungeriża tal-Kunsill qed torganizza segwitu komprensiv għar-rapport ta' Draghi, b'diskussjonijiet dwar il-kontributi ta' diversi setturi għall-kompetittività tal-UE. F'dan il-kontest, il-Ministri għall-Enerġija huma mistiedna jikkondividu l-fehmiet tagħhom dwar dawn il-mistoqsijiet:

- 1) Liema huma r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport Draghi fis-settur tal-enerġija li għandha tiffoka fuqhom l-UE bħala prioritajiet, u kif jistgħu jiġu implimentati?***
- 2) Liema rakkomandazzjonijiet jikkontribwixxu l-aktar għall-oġettiv tal-UE li iżomm il-kostijiet tal-enerġija affordabbli u kompetittivi mingħajr ma tinsa l-ħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni u s-sigurtà tal-enerġija?***
- 3) L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ser tirrikjedi investimenti massivi fil-livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali. X'ikunu l-aktar modi effettivi għall-isfruttament tal-kapital privat sabiex titnaqqas id-diskrepanza fl-investment?***
